It-tfal kienu ilhom ftit ma jmorru Sant'Anton. Fis-sajf tkun is-sħana u allura minflok, imorru jgħumu. Kienu ħerqanin biex jerġgħu jżuru l-labirint għal avventura ġdida.





“Min jaf hux se jitfaċċa l-bieb illum?” staqsa Ġanni.
“U fejn joħodna kieku?” kompla Sandro.
“Jien kieku nixtieq nara kif kienet Malta fi żmien il-Kavallieri,” qabżet Nina.

"Le. Jien ma rridx immur fil-passat," gerger Ġanni. "Jien irrid nara kif se tkun Malta mitt sena oħra."



"Hemm moħħok int! Fl-ispazju. Uff! Ma naqbilx," qalet Nina.